A.L. 85 ta' l-2004

ATT DWAR IS-SERVIZZI VETERINARJI
(ATT NRU. XXIII TA' l-2001)

Regolamenti ta' l-2004 dwar Proċedura għall-Verifiki Veterinarji f'Postijiet ta' Ispezzjoni fuq il-Fruntiera dwar Prodotti minn Pajjiżi Terzi

BIS-SAĦĦA tas-setgħa mogħtija bl-artikolu 16 ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji, il-Ministru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu, skop u applikabilita'

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa Regolamenti ta' l-2004 dwar Proċedura għall-Verifiki Veterinarji f'Postijiet ta' Ispezzjoni fuq il-Fruntiera dwar Prodotti minn Pajjiżi Terzi.

(2) L-iskop ta' dawn ir-regolamenti hija l-implimentazzjoni tar-regoli mniżżla taħt id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea 93/13/EEC dwar il-proċedura ta' verifiki veterinarji għal-postijiet ta' ispezzjoni fuq il-fruntiera fil-Komunita' Ewropea dwar prodotti minn pajjiżi terzi. Dawn ir-regolamenti jimplimentaw ukoll l-emendi mniżżla taħt id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea 2003/279/EC li jemendaw id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea 93/13/EEC dwar iċ-ċertifikat tal-verifiki veterinarji fuq prodotti minn pajjiżi terzi. Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/279/EC tissostitwixxi l-Anness B tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea 93/13/EEC.

(3) Il-verifika tad-dokumenti u ta' l-identita għandhom isiru skond l-Iskeda A.

(4) Importaturi u r-rapreżentanti tagħhom għandhom, waqt li jużaw dokument ibbażat fuq il-mudell mniżżel fl-Iskeda B, jinforma l-istaff veterinarju tal-post ta' ispezzjoni fuq il-fruntiera qabel ma jaslu l-prodotti. Id-dokument għandu jsir fi' erba'

kopji (waħda originali u tlett kopji) u l-importatur jew ir-rappreżentant tiegħu għandu -

- jimla sezzjoni 1 fl-erba' kopji kollha,

- jittrażmetti kopja lill-awtorita' tad-dwana jew fuq il-post ta' ispezzjoni fuq il-fruntiera,

- jitrażmetti l-oriġinali u ż-żewġ kopji li jibqa lill-veterinarju uffiċjali responsabli għal-post ta' spezzjoni fuq il-fruntiera.

(5) Id-dokument ibbażat fuq il-mudell imniżżel fl-Iskeda B għandu jsir mill-anqas f'waħda mill-lingwi tat-teritorju ta' Malta u fil-lingwa jew waħda mill-lingwi ta' l-Istat Membru ta' destinazzjoni tal-prodott.

(6) Mingħajr preġudizzju għas-sub-regolament (5), l-informazzjoni mniżżla fid-dokument ibbażat fuq il-mudell mniżżel fl-Iskeda B tista, skond ftehim mas-Servizzi Veterinarji, isir l-oġġett ta' notifika minn qabel li ssir bl-użu tat-telekomunikazzjoni jew sistemi oħra ta' trażmissjoni ta' informazzjoni.

Verifiki fiżiċi u mill-laboratorju u l-analiżi ta' kampjuni uffiċjali

2. Verifiki fiżiċi, testijiet tal-laboratorju u analiżi ta' kampjuni uffiċjali għandhom jiġu maħruġa skond ir-rekwiżiti ta' l-Iskedi Ċ u D.

Tlestija tad-dokument wara li jitlestew il-verifiki

3. (1) Wara li jkunu kompletati l-verifiki mniżżla fir-regolamenti 1 u 2, it-tieni sezzjoni tad-dokument ibbażata fuq il-mudell mniżżel fl-Iskeda B għandha tkun imlestija taħt ir-responsabilita tal-veterinarju ufficjali responsabli għal post ta' ispezzjoni fuq il-fruntiera u dan irid jkun iffirmat minnu; wara, l-kopja oriġinali għandha għand l-awtoritajiet tad-dwana fil-post ta' spezzjoni fuq il-fruntiera, b'kopja

minnhom li tiġi mogħtija lill-importatur jew lir-rapreżentant tiegħu u t-tieni kopja tiġi miżmuma fuq il-post ta' spezzjoni.

(2) Il-veterinarju uffiċjali għandu jżomm iċ-ċertifikati oriġinali jew id-dokumenti ta' saħħa li jakkumpanjaw il-kunsinna kif ukoll il-kopja tad-dokument ibbażat fuq il-mudell kif mniżżel fl-Iskeda għal mill-anqas tlett snin.

Verifiki veterinarji li jindikaw li l-prodott magħandux jkun impurtat

4. (1) Jekk il-verifiki veterinarji maħruġa jindikaw li l-prodott mgħandux ikun importat fil-Komunita' Ewropea, is-Servizzi Veterinarji, wara li jikkonsultaw lill-importatur jew lir-rapreżentant tiegħu, għandhom jiddeċiedu mill-aktar fis jew li l-prodott jintbagħat lura jew li dan jinqered.

(2) Jekk is-Servizzi Veterinarji jiddeċiedu li jeqirdu l-konsinna, miżuri neċessarji jridu jittieħdu sabiex jiżguraw li l-kunsinja u l-operazjoni ta' meta jinqerdu jibqaw għal-ħin kollu taħt kontroll uffiċjali. Il-qerda tal-kunsinna għandha sseħħ fl-installazzjoni tal-post ta' spezzjoni fuq il-fruntiera u fi installazzjonijiet ta' l-apposta li huma l-aktar qrib għal post ta' spezzjoni fuq il-fruntiera.

(3) Jekk, b'deroga mis-subregolament (1), is-Servizzi Veterinarji meta japplikaw l-artikolu 17(4) tad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 97/78/EEC jaċċetta li l-prodotti jistgħu jiġu importati biss f'ċerta użi li mhumiex għall-konsum uman, it-trattament u t-trasport ta' dawn il-prodotti għandu jkun biss taħt is-superviżjoni tas-Servizzi Veterinarji u skond ir-Regolament tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea (EC) 1774/2002. B'żieda ma dan, is-Servizzi Veterinarji fil-post ta' destinazzjoni tal-pjanta reġistrata għandhom ikunu informati bl-operazzjoni minn *network* ta' l-Animo, jew sakemm issir l-implimentazzjoni ta' dan ta' l-aħħar, bit-telekomunikazzjoni jew b'sistema ta' trasferiment ta' informazzjoni.

(4) Il-proċeduri mniżżla fis-sub-regolamenti (1), (2) u (3) għandhom ukoll japplikaw fejn l-ispezzjonijiet maħruġa mis-Servizzi Veterinarji fil-punt tal-fruntiera

juru xi ksur ta' liġi mniżżla fl-artikolu 17(2) tad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 97/78/EEC. Iżda, miżuri skond l-artikolu 17 tad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 97/78/EEC jistaw biss jiġu meħuda mill-veterinarju uffiċjali responsabli għal post ta' spezzjoni fuq il-fruntiera li huwa l-aktar qrib. Il-kunsinni kollha li jiġu rifjutati għanhom jkunu notifikati mill-ewwel b'sistema ta' telekomunikazzjoni jew b'sistema ta' trasferiment ta' informazzjoni lis-Servizzi Veterinarji u fejn ikun neċessarju, l-awtorita' kompetenti ta' l-Istat Membru ta' destinazzjoni.

Prodotti li mahumiex soġetti għal verifiki veterinarji sistematiċi

5. (1) Mingħajr preġudizju għar-regoli veterinarji speċifiċi tal-Komunita' Ewropea għal-ċerta prodotti, il-prodotti mniżżla f'punti (a), (b), (d) ta' l-artikolu 16(1) tad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 97/78/EEC magħandhomx ikunu soġġetti għall-verifiki veterinarji mniżżla fil-Kapitolu I ta' dawn ir-regolamenti jekk għandhom piż ta' inqas minn kilo u li jkunu destinati għall-konsum uman. Iżda l-miżuri necessarji kollha għandhom jiġu meħuda sabiex jiżguraw li hu dan it-tip ta' prodotti biss minn pajjiżi jew parti minn pajjiżi awtorizzati li jiġi introdott fil-Komunita Ewropea minn postijiet ta' ispezzjoni fuq il-fruntiera fit-teritorju ta' Malta.

(2) L-ewwel subregolament magħandux jolqot r-regoli tas-saħħa ta' l-annimali u tas-saħħa publika mniżżla fil-leġislazzjoni veterinarja tal-Komunita'.

Prodotti ta' pjanti

6. (1) Prodotti ta' pjanti mniżżla fil-lista ta' l-Iskeda E għandhom jiġu ppreżentati għal-verifiki veterinarji mniżżla fir-regolament 1(3).

(2) Importazzjoni ta' prodotti tal-pjanti mniżżla fil-lista ta' l-Iskeda E li joriġinaw minn pajjiżi jew partijiet ta' pajjiżi terzi mniżżla fil-lista ta' l-Iskeda F, għandhom jkunu awtorizzati meta l-importazzjoni minn dawn il-pajjiżi jew parti minn pajjiżi terzi mhumiex projbiti.

(3) Ir-rekwiżiti ta' l-artikolu 17 tad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 97/78/EEC għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għal prodotti ta' pjanti meta l-verifiki veterinarji jkunu jindikaw li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti.

Regoli dwar il-kummerċ

7. Mill-1 (ewwel) ta' Marzu, 2004, kull importazzjoni fit-territorju ta' Malta minn pajjiżi terzi lejn il-Komunita' Ewropea, tkun taqa' taħt l-iskop ta' dawn ir-regolamenti li japplikaw għar-regoli dwar il-kummerċ taħt ir-regoli tal-Komunita' Ewropea.

SKEDA A

Regoli dettaljati għall-verifiki veterinarji u ta' identita fuq prodotti minn pajjiżi terzi

1. Għal kull kunsinna, is-Servizzi Veterinarji għandhom jiżguraw id-destinazzjoni tad-dwana.

2. Kull ċertifikat jew dokument għas-saħħa ta' l-annimali jew għas-saħħa pubblika li jakkumpanja kunsinna ta' prodotti li joriġinaw f'pajjiż terz għandu jkun spezzjonat sabiex jikkonferma -

(a) li huwa ċertifikat oriġinali jew dokument;

(b) li jirreferi għal pajjiż terz jew parti minn pajjiż terz awtorizzat li jesporta lill-Komunita Ewropea, jew għal-prodotti mhux armonizzati, lill-Istat Membru konċernat;

(ċ) li l-preżentazzjoni u l-kontenut tiegħu jikkorrispondu mal-kampjun maħruġ għall-prodott u l-pajjiż terz ikkonċernat;

(d) li jikkonsisti f'karta waħda singola;

(e) intela kollhu;

(f) li d-data ta' ħruġ taċ-ċertifikat jew dokument għas-saħħa ta' l-annimali jew għas-saħħa tal-pubbliku tkun dik dwar it-tagħbija tal-prodotti għad-dispaċċ lejn il-Komunita' Ewropea;

(ġ) li jiġi magħmul lil persuna li tirċievi waħda;

(ħ) li jkun dwar stabbiliment awtorizzat li jesportazzjoni lejn il-Komunita Ewropea, jew għal prodotti mhux armonizzati, lejn l-Istat Membru konċernat;

(i) li jkun maħruġ mill-anqas f'waħda mill-linġwi uffiċjali ta' Malta;

(j) li jkun iffirmat mill-veterinarju uffiċjali jew fejn meħtieġ mir-rappresentant ta' l-awtorita uffiċjali u jkun juri b'mod li jista' jinqara sew u b'ittri kbar, l-isem u l-pożizzjoni tiegħu, kif ukoll lit-timbru tas-saħħa uffiċjali tal-pajjiż terz għandu jkun ta' kulur differenti minn dak ta' l-istampar fuq iċ-ċertifikat;

(k) li l-informazzjoni mogħtija fiċ-ċertifikat tkun konformi ma' dak li jkun imniżżel fid-dokument li jkun ibbażat fuq il-mudell li hemm fil-Iskeda B dwar il-kunsinna.

3. Huwa necessarju li jsiru ispezzjonijiet viżivi sabiex ikun żgurat li l-prodott jaqbel ma' l-informazzjoni mogħtija fiċ-ċertifikati jew dokumenti veterinarji li jimxu mal-kunsinna; din il-proċedura għandha tinkludi fost oħrajn -

(a) fejn meħtieġ, li għandha issir verifika tas-siġilli dwar il-mezzi ta' trasport;

(b) għal kull tip ta' prodotti, verifika għall-preżenza u konformita' tat-timbru uffiċjali jew marki tas-saħħa li jidentifikaw il-pajjiż u l-istabbiliment ta' oriġini u li jikkorispondu ma' dawk fuq iċ-ċertifikat jew id-dokument;

SKEDA B

Komunita Ewropea **Id-Dokument Veterinarju Komuni għad-Dħul ta' Prodotti ta' Annimali**

The Common Veterinary Entry Document **CVED**

L-Ewwel Parti - Dettalji dwar il-Kunsinna Ppreżentata għall-ispezzjoni

1. Minn jikkonsenja/Esportatur	**2.** Numru ta' riferenza ta' CVED Post ta' ispezzjoni fuq il-fruntiera (BIP) Numru ta' l-Animo *Unit*
3. Destinatarju	**4.** Persuna responsabbli għat-tagħbija
5. Importatur	**6.** Pajjiż ta' Oriġini Kodiċi ISO
7. Pajjiż minn fejn ġejja l-kunsinna Kodiċi ISO	**8.** Indirizz tal-kunsinna
9. Wasla fil-post ta'ispezzjoni fuq il-fruntiera (data kalkolata)	**10.** Dokumenti Veterinarji Numru/i Data ta' ħruġ Stabbiliment ta' Oriġini Numru veterinarju ta' approvazzjoni
11. Numru tal-vaxxel/Numru tat-titjira Numru tal-*Bill of Lading*/Numru ta' l-*airway bill* Vagun/ vettura/numru ta' *trailer*	**12.** Natura tal-prodotti, numru u tip ta' pakketti Temperatura : ▪ Mkessaħ ▪ Friżat ▪ Temperatura ambjent
13. Kodiċi tal-kommodita (CN, minimu l-ewwel erba' numri)	**14.** Piż gross (kg)

15. Piż gross (kg)	**16.** Numru tas-siġill u numru tal-kontenitur
17. *Transhipment* għal ▪ UE BIP ▪ Numru tal-*unit* ta' l-ANIMO ▪ Pajjiż terz ▪ Kodiċi ta' l-ISO tal-pajjiż terz	**18.** Għal transit lejn pajjiż terz ▪ Lejn pajjiż terz ▪ Kodiċi ISO ▪ BIP ta' ħruġ ▪ Numru tal-*unit* ta' l-ANIMO
19. Huwa konformi mar-rekwiżiti ta' l-UE ▪ IVA konformi ▪ LE mhux konformi	**20.** Għall-importazzjoni mill-ġdid
21. Għas-suq intern ▪ Konsum uman ▪ Ikel ta' l-annimali ▪ Użu farmoloġiku ▪ Użu tekniku ▪ Oħrajn	**22.** Għall-kunsinni li mhumiex konformi ▪ Maħżen tad-dwana Numru ta' reġistrazzjoni ▪ Żona ħielsa jew maħżen f'żona ħielsa Numru ta' reġistrazzjoni ▪ Vapur fornitur Numru ta' reġistreazzjoni ▪ Vapur Isem Port
23. Jiena, hawn taħt iffirmat, il-persuna responsabbli għat-tagħbija deskritta f'dan id-dokument, niċċertifika li skond il-konoxxenza u t-tagħrif li għandi, dak li nkiteb fis-sezzjoni I ta' dan id-dokument huwa veru u komplet u naqbel li nsegwi ir-rekwiżiti legali tad-Direttiva 97/78/EC, li jinkludi l-pagament tal-verifiki veterinarji għall-pusess mill-ġdid ta' kull kunsinna rifjutata wara t-tranżitu mill-UE lejn pajjiż terz (artikolu 11(1)(ċ)), jew jekk ikunu meħtieġa l-ispejjeż tal-qerda. Post u data tad-dikjarazzjoni Isem tal-firmatarju Firma	

Komunita Ewropea **Id-Dokument Veterinarju Komuni għad-Dħul**

The Common Veterinary Entry Document **CVED**

It-tieni parti - Deċiżjoni tal-Kunsinna

24. CVED preċedenti: ▪ IVA ▪ LE Numru ta' riferenza:	**25.** Numru ta' riferenza ta' CVED
26. Verifiki tad-Dokumenti ▪ Sodisfaċenti ▪ Mhux sodisfaċenti	**27.** Verifiki ta' Identita ▪ Verifika ta' malajr Jew ▪ Verifika ta' l-identita sħiħa ➢ **Sodisfaċenti** ➢ **Mhux sodisfaċenti**
28. Verifika Fiżika ▪ Sodisfaċenti ▪ Mhux sodisfaċenti Mhux magħmul ▪ Frekwenza ta' verifiki ridotti Oħrajn	**29.** Testijiet tal-laboratorju ▪ IVA ▪ LE Ittestjati għal: ▪ L-addoċċ ▪ Suspett Riżultai: ➢ **Sodisfaċenti** ➢ **Mhux sodisfaċenti** ▪ Rilaxxat qabel ma ħareġ ir-riżultat
30. AĊĊETTABLI għat-trasbord ▪ EU BIP ▪ Numru tal-unit ta' l-ANIMO ▪ Pajjiż terz ▪ Kodiċi ISO tal-pajjiż terz	**31.** AĊĊETTABLI għall-proċedura ta' transitu ▪ Lejn pajjiż terz ▪ Kodiċi ISO ▪ BIP ta' ħruġ ▪ Numru tal-Unit ta' l-ANIMO
32. AĊĊETTABLI għas-suq intern Għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa ▪ Konsum uman ▪ Ikel ta' l-annimali ▪ Użu ta' farmaċewtiċi	**33.** AĊĊETTABLI jekk tmexxa taħt ▪ Il-proċedura ta' l-artikolu 8 ▪ Importazzjoni mill-ġdid ta' prodotti ta' l-UE (artikolu 15)

▪ Użu tekniku ▪ Oħrajn	
34. AĊĊETTABLI għal-proċedura speċifika fi mħażen (artikolu 12(4) u (13) ▪ Maħżen tad-dwana ▪ Żona ħielsa jew maħżen ħieles ▪ Vapur fornitur ▪ Dirett lejn vapur	**35.** MHUX AĊĊETTABLI 1. Espotazzjoni mill-ġdid 2. Distruzzjoni 3. Trasformazzjoni Data:
36. Raġuni għal-rifjut ▪ 1. Nuqqas/ċertifikat invalidu ▪ 2. Pajjiż mhux approvat ▪ 3. Stabbiliment mhux approvat ▪ 4. Prodott projbit ▪ 5. ID li ma taqbilx mad-dokumenti ▪ 6. ID: Żball fil-marka tas-saħħa ▪ 7. Iġeni fiżika mhux tajba ▪ 8. Kontaminazzjoni kimika ▪ 9. Kontaminazzjoni mikro-bijoloġika ▪ 10. Oħrajn	**37.** Dettalji ta' destinazzjonijiet kontrollati (33-35) Numru ta' approvazzjoni Indirizz:
38. Kunsinna siġillata mill-ġdid Numru ta' siġill ġdid	**39.** Identifikazzjoni sħiħa ta' post ta' spezzjoni fuq il-fruntiera/awtorita' kompetenti u timbru uffiċjali
40. Veterinarju Uffiċjali Jiena, hawn taħt iffirmat, jew aġent uffiċjali maħtur, niċċertifika li l-verifiki veterinarji dwar din il-kunsinna ġew maħruġa skond ir-rekwiżiti ta' l-UE. Firma: Isem (bi ittri kbar): Data:	**41.** Transitu ta' ħruġ BIP: Formalitajiet ta' ħruġ mill-Komunita Ewropea u verifiki magħmula fit-transitu ta' prodotti ikkonfermati skond l-artikolu 11.2(e) tad-Direttiva 97/78/EC: Data: Timbru
42. Referenza tad-dokument tad-dwana	**43.** CVED Suċessiv Numru/i:

NOTI TA' GWIDA GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TA' L-ISKEDA B ([1])

Parti 1: Din is-sezzjoni għandha titlesta mid-dikjaranti jew persuna responsabbli għat-tagħbija kif imniżżel fid-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 97/78/EC artikolu 2(2)(e). In-noti huma mniżżla skond in-numru tal-kaxxa rilevanti.

Regoli ġenerali: Imla iċ-ċertifikat b'ittri gbar. Fejn tingħata l-opzjoni li titneħħa kaxxa jew jekk din ma tkunx rilevanti, il-kaxxa skond in-numru għandha tinqata kollha b'mod ċar. Biex tkun indikata b'mod affermattiv xi opzjoni, immarka fuq is-sinjal mogħti.

Dan iċ-ċertifikat għandu jkun mlesti għal kull kunsinna f'post ta' spezzjoni fuq il-fruntiera, sew jekk huma għall-kunsinni skond ir-regolamenti tal-UE u kunsinni li huma għaċ-ċirkolazzjoni, kunsinni li ser ikunu suġġett għat-tqassim, jew dawk il-kunsinni li ma humiex skond il-kundizjonijiet ta' l-UE u iddestinati li jerġgħu jintbagħtu bil-vapur, transitu, jew meta jitqegħdu ġewwa żoni ħielsa jew mħażen tad-dwana jew għal dawk li jissuplixxu l-vapuri (negozjant għal provvisti tal-vapuri). *Chanelling* jirreferi għal kunsinni aċċettati taħt il-kundizjonijiet mniżżla fl-artikolu 8 tad-Direttiva ta' l-Unjoni Ewropea 97/78/EC iżda li jibqgħu taħt il-kontroll veterinarju sa meta jilħaq id-destinazzjoni finali speċifika, li s-soltu sseħħ għal aktar trattament.

Il-kodiċi ISO fejn huma indikati jirreferu għall-istandard internazzjonali tal-kodiċi b'żewġ ittri għal kull pajjiż.

Kaxxa nru. 1. Min jikkonsenja, esportatur - jindika l-organizzazzjoni kummerċjali biex tintbagħat il-kunsinna (fil-pajjiż terz).

Kaxxa nru. 2. Post ta' spezzjoni fuq il-fruntiera. Jekk din l-informazzjoni mhix mniżżla minn qabel fid-dokument, din għandha tkun kompletata. In-numru ta' riferenza ta' CVED huwa n-numru uniku ta' riferenza mogħti fuq il-post ta' spezzjoni fuq il-fruntiera li toħroġ iċ-ċertifikat (imniżżel ukoll fil-kaxxa 25). In-numru tal-unit ta' l-ANIMO huwa uniku għal post ta' spezzjoni fuq il-fruntiera u mniżżel bl-isem fuq il-lista ta' postijiet ta' spezzjoni fuq il-fruntiera approvati, skond kif ippublikat fil-Gazzetta Uffiċjali.

Kaxxa nru. 3. Destinatarju - Jindika l-indirizz tal-persuna jew tal-organizzazzjoni kummerċjali mogħti fiċ-ċertifikat tal-pajjiż terz.

([1]) Noti ta' gwida jistgħu jiġu miktuba jew imqassma separatament miċ-ċertifikat stess.

Kaxxa nru. 4. Persuna responsabbli għat-tagħbija (anki l-agent u d-dikjaranti) - Din hija l-persuna definita fl-artikolu 2(2)(e) tad-Direttiva ta' l-Unjoni Ewropea 97/78/EC, li huwa responsabbli għall-kunsinna meta ppreżentata fuq il-post ta' spezzjoni fuq il-fruntiera u tagħmel id-dikjarazzjonijiet meħtieġa lil awtorita' kompetenti f'isem l-importatur: tagħti l-isem u l-indirizz.

Kaxxa nru. 5. Impotatur - L-importatur jista' jkun'l bogħod mill-post ta' spezzjoni fuq il-fruntiera: għandu jingħata l-isem, u l-indirizz. Jekk l-importatur u l-aġent huma l-istess għandu jkun indikat "bħal ma hemm misjub fil-kaxxa nru. 2".

Kaxxa nru. 6. Pajjiż ta' oriġini - Dan jirreferi għal meta il-prodott ġie finalizzat, manifatturat jew ippakkjat.

Kaxxa nru. 7. Pajjiż destinatarju - Dan jirreferi għall-pajjiż fejn il-kunsinna kienet mqegħda barra l-mezzi ta' trasport finali għal vjaġġ lejn l-UE.

Kaxxa nru 8. Jinkludi l-indirizz ta' destinazzjoni fl-UE. Dan japplika sew għal dawk il-prodotti li jikkonformaw (Kaxxa 19) sew għal dawk il-prodotti li ma jikkonformawx (Kaxxa 22).

Kaxxa nru. 9. Għandha tingħata id-data ta' meta għandha tasal il-kunsinna fil-post ta' spezzjoni fuq il-fruntiera.

Kaxxa nru. 10. Ċertifikat veterinarju, dokument: data ta' ħruġ - Id-data meta ċ-ċertifikat/dokument kien iffirmat mill-veterinarju uffiċjali jew l-awtorita' kompetenti. Numru - għandu jingħata n-numru uniku uffiċjali taċ-ċertifikat. Għal prodotti minn stabiliment jew vaxxel approvat jew registrat, ikun indikat in-numru u l-approvazzjoni, numru ta' reġistrazzjoni fejn meħtieġ. Għal embrijoni, ova u tubu għal likwidu seminali għandu jingħata numru ta' identita' tat-*team* ta' kollezzjoni approvat.

Kaxxa nru. 11. Jingħataw id-dettalji kollha dwar il-mezzi ta' trasport ta' meta jaslu: għal ajruplan in-numru tal-*flight* u n-numru ta' l-*airway bill* u n-numru tal-*bill of lading*, għall-vetturi tat-triq in-numru ta' reġistrazzjoni tal-pjanċa bin-numru tat-*trailer* jekk hemm bżonn, għall-ferroviji l-identita' tat-tren u n-numru tal-vaguni.

Kaxxa nru. 12. In-natura tal-prodotti - Jindikaw l-ispeċi ta' l-annimal, it-trattament li għaddew minnu l-prodotti u n-numru u t-tip ta' pakketti li jikkomprendu t-tagħbija eżempju 50 kaxxa ta' 25kg jew in-numru ta' kontenituri. Immarka t-temperatura ta' trasport skond kif meħtieġ.

Kaxxa nru. 13. Kodiċi CN - Għandhom jingħataw minn ta' l-anqas l-ewwel erba' numri tal-*Combined Nomenclature* rilevanti, kodiċi CN, stabilit taħt ir-Regolament tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea (EEC) Nru. 2658/87 skond l-aħħar emendi. Dawn il-kodiċi huma ukoll imniżżla fid-Deċiżjoni tal-Kummisjoni ta' l-Unjoni Ewropea 2002/349/EC (u huma ekwivalenti għall-*headings* ta' l-HS). Fejn hemm ċertifikat wieħed ma kunsinna waħda li tikkontjeni aktar minn *commodity code* wieħed, il-kodiċi addizjonali jistgħu jitniżżlu fuq CVED kif adatt.

Kaxxa nru. 14. Piż gross - Il-piż kollu f'kg. Dan huwa mniżżel bħala massa ta' aggregazzjoni. Din hija definita bħala massa aggregata tal-prodotti f'kontenituri u kull ippakettar ieħor, Iżda jeskludi il-kontenituri ta' trasport u makkinarju ta' trasport ieħor.

Kaxxa nru. 15. Piż net - Piż attwali tal-prodott li jeskludi l-ippakjar f'kg. Dan huwa definit bħala massa ta' prodotti mingħajr kontenituri jew kull ippakettjar. L-użu ta' *units* fejn u l-piż mhux tajjeb eżempju 100 tubi ta' likwidu seminali ta' X ml. Jew tlett *strains*/embrijoni bioloġiċi.

Kaxxa nru. 16. Għandu jingħata n-numru ta' identifikazzjoni tal-kontenitur jew timbru fejn rilevanti.

Kaxxa nru. 17. Transbord. Użu fejn kunsinna ma għandhiex tkun importata f'dan il-post ta' spezzjoni fuq il-fruntiera iżda għandu jkompli fi vaxxel ieħor jew mezz ta' l-ajru jew għall-importazzjoni fl-UE ġewwa post ieħor ta' spezzjoni fuq il-fruntiera fil-Komunita', EEA, jew għal pajjiż terz ta' destinazzjoni. Numru ta' l-ANIMO *unit* - ara kaxxa nru. 2.

Kaxxa nru. 18. Transitu - Għall-kunsinni li ma humiex konformi mar-rekwiżiti ta' l-UE u huma destinati għal-pajjiż terz biċ-ċaqlieq fl-UE jew stat ta' l-EEA rilevanti, bi trasport fuq it-triq, ferrovija jew bil-baħar.

BIP ta' ħruġ - Isem tal-post ta' spezzjoni fuq il-fruntiera fejn il-prodotti għandhom jitilqu l-UE. Numru tal-unit ta' l-ANIMO - ara kaxxa nru. 2.

Kaxxa nru. 19. Prodotti li huma konformi - Kull prodott li jkun ippreżentat għaċ-ċirkolazzjoni fis-suq intern li jinkludi dawk li huma aċċetati iżda li huma soġġett għall-proċedura ta' *chanelling* u dawk li wara li jirċievu l-approvazzjoni veterinarja għaċ-ċirkolazzjoni, jistgħu jiġu maħżuna taħt il-kontroll tad-dwana, u jirċievi l-approvazzjoni tad-dwana aktar tard, jew fl-uffiċju tad-dwana fejn il-post ta' spezzjoni fuq il-fruntiera huwa ġeografikament dipendenti, jew f'post ieħor.

Prodotti li ma humiex konformi - Dawk il-prodotti li ma jsegwux ir-rekwiżiti ta' l-UE u li huma għal-żoni ħielsa, mħażen hielsa, mħażen tad-dwana, negozjanti għall-provisti tal-vapuri jew vapuri, jew transitu lejn pajjiż terz.

Kaxxa nru. 20. Importazzjoni mill-ġdid tirreferi għall-kunsinni li ġejjin mill-UE li ma kienux aċċettati jew kienu rifjutati d-dħul f'pajjiż terz, u ġew mibgħuta mill-gdid lejn l-istabiliment ta' oriġini fl-UE.

Kaxxa nru. 21. Suq intern: Dan huwa għall-kunsinni li qed jiġu ppreżentati għad-distribuzzjoni fis-suq uniku. Il-kategorija għall-kunsinna li qed tiġi ppreżentata għandha tkun immarkata. Din ukoll tapplika għal dawk il-kunsinni li jirċievu l-approvazzjoni veterinarja kif aċċettat għaċ-ċirkolazzjoni, tista tkun maħżuna taħt il-kontroll tad-dwana, u tirċievi l-approvazzjoni tad-dwana aktar tard, jew fl-uffiċju tad-dwana fejn il-post ta' spezzjoni fuq il-fruntiera huwa ġeografikament dipendenti, jew f'post ieħor.

Kaxxa nru. 22. Imla din il-kaxxa għal dawk il-prodotti li ma humiex konformi ma l-UE fejn il-kunsinna tittieħed lejn, u tkun maħżuna taħt, il-kontroll veterinarju f'żona ħielsa, maħżen hieħes, maħżen tad-dwana jew negozjant għall-provvisti tal-vapuri.

NB Kaxxi nru. 18 u 22 jirreferu għall-proċeduri veterinarji biss.

Kaxxa nru. 23. Firma. Din iġġiegħel lill-firmatarju jaċċetta l-kunsinni fi transitu lura jekk dawn ġew rifjutati milli jidħlu fil-pajjiż terz.

Parti 2. Din is-sezzjoni qegħda biex tintela mill-veterinarju uffiċjali jew għal-agent uffiċjali (kif imniżżel fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea 93/352/EEC) biss.

Għall-kaxxi 38 sa 41 għandu jintuża kulur ieħor u mhux iswed.

Kaxxa nru. 24. CVED preċedenti - Jekk kien sar CVED qabel, għandu jkun indikat is-*serial number* ta' dan iċ-ċertifikat.

Kaxxa nru. 25. Din tirreferi għan-numru uniku ta' riferenza mogħti fil-post ta' spezzjoni fuq il-fruntiera li joħroġ iċ-ċertifikat u bħal ma hemm imniżżel f'kaxxa 2.

Kaxxa nru. 26. Verifika dokumentarja. Li tkun mlestija għall-kunsinni kollha.

Kaxxa nru. 27. Immarka "verifika ta' siġill" fejn kontenitur mhux miftuħ u s-siġill biss huwa verifikat skond l-artikolu 4(4)(a)(i) tad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 97/78/EC.

Kaxxa nru. 28. Verifiki fiżiċi -

Verifiki mnaqqsa jirreferi għal dak li hemm imniżżel fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea 94/360/EEC fejn il-kunsinna ma kinitx selezzjonata għal verifika fiżika iżda hija ikunsidrata li kienet verifikata b'mod sodisfaċenti b'verifiki dokumentarji jew ta' identita' biss.

"Oħrajn" jirriferi għal - proċedura ta' l-importazzjoni mill-ġdid, prodotti imexxija, transbord, transitu jew il-proċeduri taħt ir-regolamenti 12 u 13. Dawn id-destinazzjonijiet jistgħu jkunu mnaqqsa minn kaxxex oħra.

Kaxxa nru. 29. Imla bil-kategorija tas-sustanza jew patoġenu għal liema tkun saret proċedura ta' investigazzjoni. "Bl-addoċċ" jindika verifika fejn il-kunsinna ma inżammitx sakemm ħareġ ir-riżultat, f'dan il-kaz l-awtorita kompetenti tad-destinazzjoni trid tkun notifika bil-messaġġ ta' l-ANIMO (ara l-artikolu 8 tad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 97/78/EC). "Suspett" jinkludi każijiet fejn il-kunsinna kienet miżmuma sakemm jingħata riżultat favorevoli, jew ittestjat minħabba notifika li saret qabel mis-Sistema ta' Rapid Alert għal Ikel u l-Għalf (RASFF), jew ittestjat minħabba miżuri ta' salvagwardja fl-operazzjoni.

Kaxxa nru 30. Imla fejn hu rilevanti sabiex ikun aċċetat it-*transbord*. Għandu jintuża fejn kunsinna ma għandhiex tkun importata fil-post ta' ispezzjoni fuq il-fruntiera iżda ser tkun mibgħuta f'post ieħor b'vapur ieħor jew b'mezz ta' l-ajru jew għall-importazzjoni fl-UE fit-tieni jew post ta' ispezzjoni fuq il-fruntiera ieħor fil-Komunita', EEA, jew f'pajjiż terz ta' destinazzjoni. Ara l-artikolu 9 tad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 97/78/EC u Deċiżjoni ta' l-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea 2000/25/EC. Għan-numru tal-*unit* ta' l-ANIMO - ara kaxxa nru. 2.

Kaxxa nru. 31. Transitu - Imla fejn hu aċċettat li jintbagħtu l-kunsinni li ma humiex konformi mar-rekwiżiti ta' l-UE lejn pajjiż terz mill-UE, stat rilevanti ta' l-EEA bi trasport fuq it-triq, bil-ferrovija, jew fuq il-baħar. Dan għandu jseħħ taħt kontroll veterinarju skond ir-rekwiżiti ta' l-artikolu 11 tad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 97/78/EC u tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea 2000/208/EC.

Kaxxa nru. 32. Din il-kaxxa għandha tintuża għall-kunsinni kollha li huma approvati għaċ-ċirkolazzjoni f'suq ħieles. (Għandha ukoll tkun użata għal-kunsinni li huma skond ir-rekwiżiti tal-UE iżda għal raġuni finanzjarja mhux qed jgħaddu mid-dwana mill-ewwel fil-post ta' ispezzjoni fuq il-fruntiera, Iżda qed jiġu maħżuna taħt il-kontroll tad-dwana fi maħżen tad-dwana jew ser jkunu rilaxxati aktar tard u/jew f' destinazzjoni separata geografikament.)

Kaxxa nru. 33 u 34. Għandhom ikunu użati fejn kunsinni ma jistgħux ikunu aċċettati li jitħallew joħorgu għaċ-ċirkolazzjoni taħt ir-regoli veterinarji, iżda huma ikkunsidrati ta' riskju ogħla u huma mibgħuta taħt il-kontroll veterinarju jew tad-dwana lejn wieħed mid-destinazzjonijiet ikkontrollati kif imniżżel fid-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 97/78/EC. Meta jkunu aċċettati żoni ħielsa, mħażen ħielsa u mħażen tad-dwana din tista biss tiġi mogħtija meta ir-rekwiżiti ta' l-artikolu 12(4) tad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 97/78/EC huma miksuba.

Kaxxa nru. 33. Għal-użu fejn kunsinni huma aċċettati iżda jridu jgħaddu lejn destinazzjoni speċifika, skond kif imniżżel fl-artikoli 8 jew 15 tad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 97/78/EC.

Kaxxa nru. 34. Użu għal kunsinni kollha li ma humiex konformi ma l-UE, u li sejrin jiċċaqalqu lejn jew jkunu maħżuna ġewwa, mħażen approvati skond ir-regolament 12(4) jew ta' l-operaturi awtorizzati taħt l-artikolu 13 tad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 97/78/EC.

Kaxxa nru. 35. Indika b'mod ċar meta l-importazzjoni għandha tkun rifjutata, x'inhu l-proċess ta' wara li għandu jsir. Għandha tingħata id-data ta' meta titlesta l-azzjoni proposta. L-indirizz ta' kull stabiliment ta' bdil għandu jitniżżel taħt il-kaxxa nru. 37. Wara li jkun rifjutat jew wara deċiżjoni li jkun hemm bdil, id-data meta għandha titieħed aktar azzjoni għandha tkun imniżżla fir-"reġistru tal-prosegwiment (*follow-up action)*".

Kaxxa nru. 36. Raġunijiet għar-rifjut: għall-użu kif suppost sabiex tingħata informazzjoni siewja. Għandha tkun immarkata l-kaxxa t-tajba. In-numru 7 (fil-lista ta' din il-kaxxa) hija għall-eventwalita' meta l-igjeni ma tkunx kif suppost u li ma taqax taħt in-numri 8 u 9 ta' din il-lista, dan jinkludi kontroll fuq irregolaritajiet fit-temperatura, putrefazzjoni jew prodott maħmuġ.

Kaxxa nru. 37. Għandu jingħata n-numru ta' l-approvazzjoni u l-indirizz (jew in-numru tal-vapur u tal-port) għal kull destinazzjoni fejn aktar kontroll veterinarju fuq il-kunsinna huwa

meħtieġ i.e. għall-kaxex 33 - *Channelling,* 34 - Proċedura fl-imħażen, 35 - bdil jew qerda.

Kaxxa nru. 38. Uża din il-kaxxa meta s-siġill oriġinali fuq il-kunsinna jkun ġie miksur meta infetaħ il-kontenitur. Għandha tinżamm lista konsolidata tas-siġilli kollha li ġew użati għal dan il-għan.

Kaxxa nru. 39. Uża t-timbru uffiċjali tal-post uffiċjali fuq il-fruntiera jew l-awtorijiet kompetenti.

Kaxxa nru. 40. Firma tal-veterinarju, jew fil-kaz ta' portijiet, l-imaniġġar tal-ħut biss - il-firma tal-uffiċjal għal dan imqabbad kif imniżżel fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea 93/352/EC.

Kaxxa nru. 41. Din il-kaxxa għandha tintuża mill-post ta' ispezzjoni fuq il-fruntiera ta' ħruġ meta tkun fi transitu mill-UE meta l-kunsinni jintbagħtu fi transitu fl-UE u jkunu ġew verifikati minn barra skond kif hemm imniżżel fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea 2000/208/EC.

Kaxxa nru. 42. Din għandha tintuża mid-dwana sabiex tkun miżjuda l-informazzjoni siewja (eżempju: għan-numru tad-dwana taċ-ċertifikati T1 jew T5 tad-dwana) fejn il-kunsinni jibqgħu taħt il-kontroll tad-dwana għal ċertu żmien. Din l-informazzjoni tkun miżjuda wara il-firma tal-veterinarju.

Kaxxa nru. 43. Għall-użu meta ċ-ċertifikat oriġinali CVED għandu jibqa f'post wieħed u ċertifikati oħra CVED (magħrufa bħala *"daughter" certificates*) għandhom ikunu maħruġa.

SKEDA Ċ

Regoli dettaljati dwar verifiki fiżiċi fuq il-prodotti

1. Il-verifika fiżika fuq kull kunsinna għandha ssir taħt kundizjonijiet li jippermettu l-ispezzjoni u l-ittestjar meħtieġa għandhom jkunu magħmula b'mod sodisfaċenti.

2. Kull kunsinna għandha tkun ispezzjonata sabiex jsiru l-verifiki dwar il-kundizzjonijiet u l-mezzi ta' trasport, b'mod partikolari sabiex ikun konfermat li -

(a) l-kundizzjonijiet tat-temperatura jkunu jaqblu mar-rekwiżiti għall-prodotti ikkonċernati jekk imniżżla fir-regoli tal-Komunita' Ewropea jew, fejn dawn ma jeżistux, fir-regoli nazzjonali rilevanti;

(b) il-kundizzjonijiet tat-trasport ikunu żammew il-prodotti fl-istat mitlub;

(ċ) ma hemm l-ebda raġuni għaliex tkun suspettata xi anormalita' waqt it-trasport.

3. Il-konformita tal-prodotti bl-informazzjoni fuq iċ-ċertifikat għandha tkun konfermata, abbażi, b'mod partikolari, tal-proċeduri li ġejjin :

(a) verifika li n-numri tal-prodotti jew paketti mniżżla fuq iċ-ċertifikat li jakkumpanjhom, jikkorrispondi mal-piż tal-kunsinna skond l-eżempju tal-piż ta' xi oġġett wieħed mill-prodotti jew pakkett;

(b) verifika li l-pakkett, tgeżwir jew envelop huwa skond ir-rekwiżiti tal-Komunita' Ewropea jew, fejn meħtieġ, ir-rekwiżiti nazzjonali - materjal użat, stat, preżenza ta' marki u jew l-indikazzjonijiet meħtieġa.

4. Kull lot mqiegħed għall-eżaminazzjoni fiżika u għal-verifika, wara li jinfetaħ l-ippakketar, tgeżwir jew envelop, li l-kondizzjonijiet previsti għall-prodott ikkonċernat u li huma mniżżla fil-legislazzjoni veterinarja Ewropea jew, fejn l-ebda waħda minn dawn ma teżisti, il-leġislazzjoni nazzjonali relevanti għandha tiġi mħarsa.

B'dan il-għan, eżamii organoleptiku, b'mod partikolari eżami viżiv, għandu jsir fuq kull kunsinna sabiex tkun verifikata kull anormalita' li tagħmel il-prodott mhux tajjeb għal l-użu mogħti fuq iċ-ċertifikat veterinarju jew id-dokumenti misjuba; dawn l-eżamijiet għandhom isiru fuq prinċipju ta 1% tal-prodotti jew pakketti tal-kunsinna, b'minimu ta' tnejn jew massimu ta' għaxra. Għall-prodotti farrada, l-eżami għandu jsir fuq mill-anqas ħames kampjuni separati mqassma mal-kunsinna.

F'kull ħin, waqt l-eżami tal-prodotti, il-veterinarju uffiċjali jista jidderoga mill-massimu mniżżel hawn qabel.

B'żieda mal-verifiki veterinarji mniżżla hawn qabel, ispezzjonijiet għas-saħħa pubblika mniżżla hawn qabel u intiżi għall-konsum uman għandhom jinkludu -

- miżuri tat-temperatura tal-prodott, jekk il-Komunita' Ewropea jew, fejn japplika, jekk jirrikjedu hekk ir-regoli nazzjonali veterinarji,

- verifiki għall-anormalitajiet fl-apparenza, konsistenza, kulur, riħa u fejn meħtieġ, togħma; għal-prodotti ffriżati jew *deep frozen*, l-ispezzjonijiet għandhom isiru wara li l-prodotti jinżlu mill-friża.

5. B'żieda ma dan, il-veterinarju għandu, meta jara li dan huwa neċessarju, jirrikjedi ezami żejda li għandhom jsiru sabiex tkun verifikata li huma mwettqa skond il-legislazzjoni veterinarja dwar l-importazzjoni jew il-kummerċ ta' dawn il-prodotti.

6. Fl-eventwalita' ta' xi dubju, eżami ulterjuri fiżiċi jew tal-laboratorju għandhom jinħarġu fuq prodotti wara li l-kunsinna tkun ġiet mħatta kollha, u jekk ikun hemm bzonn id-determinazzjoni ta' l-ispeċi.

7. B'żieda mal-formalitajiet mniżżla fir-regolament 3, is-Servizzi Veterinarji għandhom jieħdu l-passi neċessarji biex jindika li l-kontroll fiżiku uffiċjali tal-kunsinna jkun sar, b'mod partikolari bil-bejgħ mill-ġdid u it-tqegħid ta' t-timbru uffiċjali fuq il-pakketti kollha immaniġġati u l-bejgħ mill-ġdid tal-kontenituri kollha li kienu miftuħa, billi jissemma n-numru tas-siġill fid-dokument li hemm fl-Iskeda B u fiċ-ċertifikati jew dokumenti li jakkumpanjaw il-kunsinna.

SKEDA D
Regoli dettaljati dwar testijiet tal-laboratorju tal-prodotti

Sakemm isseħħ l-approvazzjoni tal-pjanijiet ta' monitoraġġ tal-Komunita Ewropea, is-Servizzi Veterinarji għandhom jqegħdu kunsinni ta' prodotti għall-importazzjoni għal pjan ta' monitoraġġ, sabiex jiġi verifikat li l-legislazzjoni tal-Komunita Ewropea tkun ġiet mħarsa, jew fejn japplikaw regoli nazzjonali, b'mod partikolari biex isib residwi, organiżmi patoġeniċi jew sustanzi perikoluži oħra għall-bnedmin, għall- annimali jew għall-ambjent.

Dawn il-pjanijiet ta' monitoraġġ għandhom iqisu n-natura tal-prodotti u tar-riskju li jippreżentaw. Fil-każijiet kollha, il-veterinaju kirurgu uffiċjali tal-post ta' l-ispezzjoni fuq il-fruntiera li ħarreġ test taħt il-pan ta' monitoraġġ, għandu jinforma lill-awtorita kompetenti fil-post ta' destinazzjoni u jsemmi dan it-test fid-dokument ibbażat fuq l-Iskeda B magħmul biex jiċċertifika li l-verifiki veterinarji li jkunu saru. Meta l-ittestjar jikkonċerna sustanza jew agent patoġeniku li jippreżenta riskju immedjat ta' saħħa għall-annimali jew għall-pubbliku, il-veterinarju uffiċjali responsabbli għal post ta' l-ispezzjoni fuq il-fruntiera li għamel dak it-test jew l-awtorita' kompetenti fil-post ta' destinazzjonili li tkun ġiet informata, jistgħu jżommu l-kunsinna milli tiġi rilaxxata sakemm ir-riżultati tal-laboratorju jkunu magħrufa. Is-Servizzi Veterinarji għandhom jinfurmaw lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni Ewropea bir-riżultati pożittivi misjuba waqt l-eżekuzzjoni tal-pjan ta' monitoraġġ, biex il-verifiki veterinarji jkunu jistgħu jinbidlu bħala riżultat ta' l-informazzjoni miġbura.

2. Meta, b'mod partikolari wara l-eżami ta' kunsinna, jew fuq bażi ta' l-informazzjoni mogħtija minn Stat Membru ieħor jew mill-Kummissjoni Ewropea, jew fuq bażi ta' riżultat ta' eżami mhux favorevoli fuq kunsinna li tkun saret qabel, is-Servizzi Veterinarji jiddeċiedu li jagħmlu eżami fil-laboratorju, il-kunsinna tista' biss tintbagħat lejn id-destinazzjoni tagħha bil-kundizzjoni li dan l-eżami fil-laboratorju

jkun ta' riżultati sodisfaċenti. Sa dan it-tant il-kunsinna tibqa' taħt il-kontroll tal-veterinarju responsabbli tal-post ta' ispezzjoni fuq il-fruntiera li jkun wettaq dawk il-kontrolli veterinarji.

SKEDA E
Prodotti ta' pjanti soġġetti għall-verifiki veterinarji

1. Tiben;

2. Huxlief.

SKEDA F
Lista ta' pajjiżi minn fejn is-Servizzi Veterinarji għandhom jawtorizzaw l-importazzjoni ta' tiben u ħuxlief

Awstralja
Islanda
Belorussja
Bulgarija
Kanada
Ċili
New Zealand
Kroazja
Norveġja
Romanija

L-Afrika t'Isfel (barra l-parti ta' l-arja tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer fir-reġjun veterinarju tat-Transvaal tal-Lvant u tat-Tramuntana, fid-distrett ta' Igwavuma tar-reġjun veterinarju tan-Natal u fl-arja tal-fruntiera tal-Botswana fil-parti tal-lvant ta' longitudini 28 o)
Svizzera
Greenland
L-Istati Uniti